

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2013 — Sanofi Pasteur MSD vs UASI — Mundipharma (Rappreżentazzjoni ta' żewġt imnieġel kontra xulxin)**

(Kawża T-502/11) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja li tirrappreżenta żewġt imnieġel kontra xulxin — Trade marks nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw żewġ żigarelli kontra xulxin — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2013/C 189/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Sanofi Pasteur MSD SNC (Lyon, Franza) (rappreżentanti: T. de Haan, P. Péters u V. Wellens, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Mundipharma AG (Bäle, l-Isvizzera) (rappreżentant: F. Nielsen, avukat)

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Lulju 2011 (Każ R 1904/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sanofi Pasteur MSD SNC u Mundipharma AG.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Sanofi Pasteur MSD SNC hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 340, 19.11.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2013 — Verus vs UASI — Performance Industries Manufacturing (VORTEX)**

(Kawża T-104/12) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali VORTEX — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti VORTEX — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt ta' prijorità — Artikolu 29 tar-Regolament Nru 207/2009 — Ċessjoni parzjali — Artikolu 50 tar-Regolament Nru 207/2009 — Ksur tad-dritt għal smiġh — It-tieni frażi tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2013/C 189/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Verus Eood (Sofija, il-Bulgarija) (rappreżentanti: inizjalment S. Vykydal, sussegwentement F. Henkel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Performance Industries Manufacturing, Inc. (Odessa, Florida, l-Istati Uniti)

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' Diċembru 2011 (Każ R 512/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Verus Eood u Performance Industries Manufacturing Inc.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Verus Eood hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 157, 02.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2013 — Rocket Dog Brands vs UASI Julius-K9 (JULIUS K9)**

(Kawża T-231/12) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali JULIUS K9 — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti K9 — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 189/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Rocket Dog Brands LLC (Hayward, l-Istati Uniti) (rappreżentant: C. Aikens, barrister)